# Livell 2

It-tieni livell ta' *Tikka Qari* jinkludi **żewġ** kotba li huma fittizji. Il-kotba f'dan il-livell huma marbutin ma' dawn it-temi, li jinsabu f'*Tikka Malti 1a*: **l-annimali** u **t-trasport**. L-għan hu li jsaħħu l-vokabolarju li t-tfal ikunu tgħallmu f'*Tikka Malti 1a* u *Tikka Kliem*. Kull ktieb huwa mfassal biex jinqara wara li titlesta t-tema rispettiva f'*Tikka Malti* u *Tikka Kliem*.

## Karatteristiċi ta' Livell 2

1. Sittax-il paġna f'kull ktieb
2. Jinkludi kliem **kvkv, kvk**
3. Jinkludi kliem sempliċi bl-**ie**
4. Jeskludi kliem bl-**għ** u l-**h** (ħlief vokabolarju minn *Tikka Kliem* u *Tikka Malti*)
5. Il-kliem kollu sa tliet sillabi
6. Jinkludi vokabolarju minn *Tikka Kliem* u *Tikka Malti 1a*
7. Jeskludi kliem b'konsonanti li jitilfu l-leħen fil-bidu, fin-nofs u fl-aħħar tal-kelma (ħlief vokabolarju minn *Tikka Malti*)

## L-istejjer u t-temi

*L-annimali ta' Ġanni* – it-tema: l-annimali (minn *Tikka Malti 1a*, Taqsima 7)
*Il-Ħadd id-dar tan-nanna* – it-tema: it-trasport (minn *Tikka Malti 1a*, Taqsima 9)

## Introduzzjoni għall-karattri

Il-kotba tat-tieni livell jeħduhom lura fil-klassi ta' Ġanni fejn jerġgħu jiltaqgħu mal-ħbieb tiegħu. Jeħduhom wkoll fid-dar tan-nanna fejn jerġgħu jiltaqgħu man-nanna u z-ziju Piju. Jintroduċu liz-ziju u z-zija u l-kuġini ta' Nina u Ġanni għall-ewwel darba.
Biex tintroduċi l-karattri, irreferi għal *Tikka Kliem* kif ukoll għas-sezzjoni tal-karattri li ssib fis-sezzjoni dwar kull ktieb f'dawn ir-riżorsi.

## Riżorsi għal kull ktieb ta' Livell 2

1. *podcast* bl-istorja (li tista' titniżżel minn **www.merlinpublishers.com/tikkaqari/podcasts.html**)
2. suġġerimenti għal punti ta' diskussjoni
3. informazzjoni dwar kliem ċavetta, kliem **kvkv**, **kvk**, kliem b'sillaba, b'żewġ sillabi u bi tliet sillabi. Referenza għall-kliem minn *Tikka Malti 1a* u *Tikka Kliem*
4. taħriġ għal kull ktieb b'għanijiet speċifiċi għal kull taħriġ
5. leħħiet bil-kliem biex jinbnew sentenzi ħfief
6. ċekkjatura li ssir għal kull student fuq erba' livelli:
   a. Jagħtu l-isem tal-oġġett jew karattru li qed jaraw fl-istampa (ara Appendiċi 1).
   b. Iqabblu l-kelma mal-istampa (għal dan l-iskop jintużaw kemm Appendiċi 1 kif ukoll il-kliem fuq il-leħħiet).
   ċ. Jaqraw il-kelma mil-leħħiet mingħajr stampi.
   d. Jiktbu l-kelma mingħajr għajnuna, għalkemm fejn jinħass il-bżonn tista' tingħata lista minn fejn tingħażel il-kelma t-tajba.

(Ir-riżorsi 4-6 jistgħu jitniżżlu minn **www.merlinpublishers.com/tikkaqari/supplimentari.html**)